MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tat-23 ta' Novembru, 2009

Numru. 416/2007

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jesmond Borg)**

**vs**

**Alfred Vella**

Kumpilazzjoni Nru: 416/2007

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Alfred Vella, ta’ 45 sena, iben Carmel u Angela nee’ Fenech, imwieled Cospicua fis-7 ta’ Ottubru, 1961 u joqghod fil-fond “La Rochelle”, Triq il-Nissieg, Zabbar, u detentur tal-karta tal-identita bin-numru 667661(M).

Akkuzat talli fl-14 ta’ Marzu, 2006, ghall-habta tas-2:30pm, gewwa l-fabbrika “Gutenberg Press”, f’Hal Tarxien, dolozament, bil-hsieb li jodrob u jikkaguna ferfiti ta’ natura gravi lil Francis Spiteri minn Hal Ghaxaq u wera dan il-hsieb b’atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni ta’ dan id-delitt permezz ta’ martell, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali w independenti mill-volonta’ tieghu.

Kif ukoll talli fl-istess post, data, hin u cirkostanzi, kkaguna feriti ta’ natura hafifa fuq il-persuna ta’ Francis Spiteri skond kif iccertifika Dr. M.Martinelli MD mill-klinika ta’ Rahal Gdid.

Kif ukoll talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament hassar, jew gharraq jew ikkaguna hsara lill-propjeta privata mobbli jew immobli, liema hsara tammonta ghal Lm106.50 u cioe’ iktar minn hamsin lira Maltin (Lm50) izda inqas minn hames mitt lira maltin (Lm500) ghad-dannu ta’ l-istess Francis Spiteri.

Rat il-kunsens ta’l-Avukat Generali sa biex dan ikl-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Semghat ix-xhieda u t-trattazzjoni tal-partijiet

Rat l-atti processwali.

Rat l-artikoli 41, 216, 221 u 325(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ikkunsidrat

Illi dan il-kaz huwa relatat ma incident li sehh bejn l-imputat u certu Francis Spiteri. Inqala disgwid bejn dawn iz-zewg persuni dwar il-kwalita ta’ xoghol esegwiet mill-imputat fuq inkarigu ta’ Spiteri; fil-gurnata in ezami l-imputat mar ghand Spiteri biex jara l-ilment x’kien.

Illi Spiteri jghid li hu kien qed jitkellem fuq it-telephone meta dahal l-imputat f'l-ufficcju tieghu u staqsih ghal hlas, Spiteri irrimarka dwar ix-xoghol hazin u fil-pront l-imputat xejjirlu daqqa ta' ponn fuq wiccu u tajjarlu n-nuccali, li nkiser; it-telephone li kien f'idejh waqa' u nkiser ukoll. Meta gara hekk Spiteri mbotta lill-imputat li min-naha tieghu ta daqqa ta' sieq lil Spiteri. L-imputat kompla billi hareg martell, x'aktarx mill-qalziet, u beda jxejjer bih fid-direzzjoni ta' Spiteri. Sadattant dahlu missier u bin Spiteri u imjegat tieghu pero l-imputat telaq jigri; l-impjegat telaq jigri warajh imma ma lahqux.

Illi dawn it-tlett persuni xehdu ukoll; ghalkemm ma tantx jaqblu dwar min dahal wara min f'l-ufficju ta' Spiteri bejn wiehed u iehor jikkoroboraw dak li qal il-parte leza dwar id-dinamika ta' l-incident.

Illi l-imputat xehed ukoll; huwa jallega li flimkien ma'impjegat tieghu mar fil-fabbrika ta' Spiteri biex jispezjona x-xoghol li Spiteri kien qed jilmenta dwaru. L-imputat jghid ukoll li huwa ma kienx liebes hwejjeg tax-xoghol imma qalziet u glekk ghalhekk l-ghodda kellu jzommhom f'idejh; hu jghid li kellu martell, industrial knife, xi ghoddod zghar ohra kif ukoll bicca mill-materjal li kien ghadu kif qata mill-art qabel mar dahal f'l-ufficju ta' Spiteri. L-imputat ikompli jispjega li meta dahal f'l-ufficju ta' Spiteri dan kien qed jargumenta ma xi hadd fuq it-telephone, malli qata urih il-bacca materjal u staqsa dwar il-hlas dovut; skond l-imputat Spiteri rreagixxa billi tajjar il-bicca materjal minn id l-imputat li nhasad u ghamel moviment b'idejh u laqat lil Spiteri. L-imputat spjega ukoll li lil Spiteri ma laqtux bil-ponn ghax f'id wahda kellu l-martell u f'id l-ohra kellu l-kumplament ta'l-ghodda. L-imputat jikkonferma li meta ra lill-persuni l-ohra jidlu f'l-ufficju hu telaq jigri.

Illi huwa car li l-imputat qed jikkontradici l-verzjoni mghotija mill-parte leza u mix-xhiedha okkulari dwar id-dinamika ta'l-incident pero ghandu jigi rilevat mill-ewwel li l-verzjoni mghotija mill-imputat mhiex daqstant kredibbli; dan il-Qorti tghidu mhux biss wara li kellha l-opportunita

tara l-komportament ta'l-imputat waqt id-depozizzjoni tieghu imma ghaliex huwa stess jikkontradici lilu nnifsu.

Illi l-imputat jipprova jikkontradici dak li qal Spiteri u x-xhieda l-ohra okkulari dwar kif u minn fejn gab il-martell billi jghid li l-martell kien f'idejh u dan ghaliex fil-gurnata ta'l-incident in kwistjoni hu ma kienx liebes "hwejjeg tax-xoghol" imma "qalziet u glekk"[1] u konsegwentement bil-fors kellu jzomm il-martell f'idejh. Pero l-imputat jghid ukoll li dak in-nhar ta'l-incident huwa kien qed jaghmel bicca xoghol fil-vicinanzi tal-fabbrika ta' Spiteri u malli spicca mix-xoghol li kien qed jaghmel baqa' sejjer ghand Spiteri biex jaghti titwila[2]. Tenut kont tal-fatt li l-imputat jaghmel xoghol ta' tqeghied ta' materjal ma'l-art (minflok tiles) difficilment taccetta li kien ghamel gurnata jahdem liebes qalziet u glekk, hwejjeg li del resto l-imputat stess jiddiskrivihom bhala "mhux tax-xoghol".

Illi l-imputat jghid ukoll li meta Spiteri tajjarlu l-bicca materjal li kellu f'idejh huwa inhasad u gholla idejh (li fihom skond hu kellu martell, industrial knife u xi ghodda ohra) u laqtu. Spiteri minn-naha l-ohra jghid li l-imputat l-ewwel tah daqqa f'wiccu, imbaghad daqqa ta' sieq u wara beda jxejjer bil-martell. Dan il-kunflitt huwa rizolt minn ezami tac-certifikat mediku u d-depozizzjoni tat-tabib[3] li ukoll jiskreditaw lill-imputat ghaliex jidher li l-griehi sofferti huma indikattivi ta' incident li sehh kif ddeskriva Spiteri.

Illi tenut kont ta' dan hawn suespost u tal-provi l-ohra kollha il-Qorti hija konvinta li l-incident provokah l-imputat, kien hu li agredixxa lil Spiteri u li verament fajjar daqqiet bil-martell fid-direzzjoni ta' Spiteri.

Ikkunsidrat

Illi l-ewwel imputazzjoni migjuba kontra l-imputat hija dik ta' attentat ta' feriti gravi. F'dan ir-rigward il-Qorti tirrileva li kulhadd, u zgur persuna li tuza martell fil-kors normali tax-xoghol taghha, ghandu jippressuponi li daqqa ta'

---

[1] Ref it-tielet paragrafu a fool 58.
[2] Ref ir-titeni paragrafu a fol 58
[3] Dr Mrcel Martinelli, it-tabib li rrilaxxa c-certifikat

martell fuq persuna ghandha tirrizulta fi griehi gravi. Konsegwentement l-ewwel imputazzjoni hija pruvata.

Illi f'wahda mill-ahhar udjenzi mizmuma l-parte leza rrinunzja ghall-azzjoni kriminali, ghalhekk il-procediment fit-tieni imputazzjoni (li jiddependi fuq il-kwerela tal-parte leza) huwa ezawriet.

Illi t-tielet imputazzjoni hija dik ta' hsara volontarja.

Illi mill-atti jirrizulta sodisfacjentement pruvat li fil-kors ta'l-incident gew ikkawzati hsarat fit-telephone u fin-nuccali. Ghal dak li jirrigwarda t-telephone ma ngabet l-ebda prova dwar kemm kien jiswa jew xi hsarat gew ikkawzati. Dwar in-nuccali dak li gie esebiet huwa ricevuti ghal nuccali gdid, ma ngabet l-ebda prova dwar kemm kien jiswa n-nuccali li nkiser.

Illi fin-nuqqas ta' xi prova dwar il-kwantum tal-hsara kawzata, l-Qorti ghandha toqghod fuq il-minimu preskritt fil-Ligi. Dan ifisser li l-prosekuzzjoni ghal dak li jirrigwarda l-hsarat ukoll issa tiddependi fuq il-kwerela tal-parte leza li da parte tieghu rrinunzja ghall-azzjoni kriminali. Ghalhekk anke fir-rigward tat-tielet imputazzjoni l-procediment huwa ezawriet.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reat li tieghu qed jinstab hati l-imputat, il-fedina penali tieghu u l-fatt li jidher li llum l-partijiet rrizolvew il-kwistjonijiet ta' bejnitehom.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, fil-waqt li tiddikjara l-procediment fir-rigward tat-tieni u t-tielet imputazzjonijiet bhala ezawriet, wara li rat l-artikoli 41 u 216 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ssib lill-imputat hati ta' l-ewwel imputazzjoni u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sentejn.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju r-responsabbilta tieghu u x'jigri jekk jikkommetti reat iehor fi zmien sentejn

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------